- ***ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –***
- ***ARTIKOLU 19 (1) (d) (f) TAL-KAP 255 –***
- ***ARTIKOLU 20 (5) TAL-KAP 255 –***
- ***AMMISSJONI F'KAZ TA' NULLITA' TA' ZWIEG -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 36**
**Citazzjoni Numru: 793/01/RCP**

**Albert Grech**

**vs**

**Josette sive Josephine Grech *nee'* Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-23 t'Ottubru 1988 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg (Dok. "A") u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi dan iz-zwieg kien *'ab initio'* null u bla effett ghax il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva *da parte* tal-konvenuta ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt tal-att konjugali, kif ukoll ghax il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'anomalija psikologika serja li kienet tirrendiha impossibbli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi peress li t-tort ghal dan kollu hu imputtabbli lill-konvenuta li hi unikament reponsabbli ghan-nullita' taz-zwieg u l-attur kien *in buona fede* u ghalhekk m'ghandux ikun tenut ihallas manteniment lill-konvenuta a tenur tal-**Artikolu 20 (5) tal-Kap 255;**

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Ottubru 1988 kien null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-konvenuta kien (a) vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt tal-att taz-zwieg; u (b) kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-

gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

(2) Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur, bhala il-parti *in buona fede*, mhux tenut li jissoministra manteniment lill-konvenuta li kienet unikament responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg, u dan a tenur tal-**Artikolu 20 (5) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tal-11 ta' Gunju 2001 u d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-13 ta' Gunju 2001;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-18 ta' Gunju 2001 a fol. 13 fejn gie eccepit:

1. Illi hija ma tikkontestax illi z-zwieg bejnha u bejn l-attur kien null ghax hu minnu li hi qatt ma riedet tfal u dejjem irrifjutat li jkollha sess ma' zewgha jekk mhux bil-mezzi preventivi artificjali ghal din ir-raguni;

2. Ghalhekk hi tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Salvi kull eccezzjoni ohra li tista’ tinghata fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 13 sa 14 tal-process.

Rat il-verbali tat-3 ta’ Lulju 2001 u 30 ta’ Ottubru 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghall-25 ta’ Jannar 2002.

Rat l-affidavits prezentati mill-attur permezz ta’ nota tat-30 ta’ Ottubru 2001 u dik tal-konvenuta prezentati fl-istess data;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Jannar 2002 u dak tat-13 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

## A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat fit-23 ta' Ottubru 1988 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li huwa qed jallega li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni positiva *da parte* tal-konvenuta ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt tal-att konjugali, kif ukoll ghax il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'anomalija psikologika serja li kienet tirrendiha mpossibbli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

## B. ECCEZZJONIJIET - AMMISSJONI

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta hija fis-sens li hija taqbel ma' dak li qed isostni l-attur *stante* li hija qatt ma riedet tfal u kien ikollha sess ma' zewgha b'mezzi artificjali.

## C. L-EFFETT TA' AMMISSJONI F'KAWZA TA' NULLITA' TA' ZWIEG

Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Cit. Nru: 165/95/VDG"** anke fil-kaz ta' *"ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura*

*ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara* ***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"****, (Prim' Awla, 4 ta' Novembru 1994);* ***"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",*** *(Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 1995);* ***"Evelyn Agius vs John Borg"****, (Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"****, (Prim' Awla, 10 ta' Novembru 1995****);*** ***"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"****, (Prim' Awla, 21 ta' Novembru 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"****, (Prim' Awla, 22 ta' Frar 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"****, (Prim' Awla, 31 ta' Jannar 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"****, (Prim' Awla, 16 ta' Settembru 1996)*.

## D. PROVI PRODOTTI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur sostna li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta meta huwa kien ghad ghandu 18-il sena u ghalkemm damu disa' (9) snin gharajjes huwa qatt ma kellu x'jaqsam maghha hlief darba bl-uzu ta' kontracettiv, u dan ghaliex hija dejjem sostniet li ma rieditx tfal u dan mill-bidu nett tal-gherusija taghhom; l-attur isostni li huwa qatt ma ha dan il-kliem bis-serjeta' kemm ghaliex kien ghadu zghir u bejn ghaliex kien jghid li l-affarijiet ghad jinbidlu.

Illi r-raguni li tatu kienet li nannitha kienet qaltilha li ommha ma kienitx thobbha u li ommha kellha diffikultajiet emozzjonali u psikologici minhabba it-trobbija taghha u dan

effettwa sew lill-konvenuta li kienet ghalhekk thossha mhux mahbuba minn ommha u l-konvenuta kienet ukoll konxja tal-fatt li bejn nannitha u ommha ma kienx hemm kuntatt normali ta' omm u bint peress li nannitha kienet spiss tghid kontra ommha kemm maghha u kemm ma' terzi persuni, u dan l-effett fuq il-konvenuta kien iktar accentwat mill-fatt li l-istess nannitha kienet manipolattiva u l-genituri tal-istess konvenuta kienu jghixu mal-istess nanna. Illi l-effett fuq il-konvenuta kien kbir ghaliex spiss kienet tara lill-ommha u lill nannitha jiggieldu, u dan *nonostante* l-fatt li kienet thobbhom it-tnejn li huma.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta kienet intalqet fiha innifisha u dan wkoll dovut ghaliex skond l-attur l-istess genituri tal-konvenuta qatt ma fehmu l-effett li l-istess atteggjament ta' ommha u nannitha hallew fuq binthom, tant li anke meta inqalghu problemi fiz-zwieg tal-kontendenti u sahansitra sseparaw huma qatt ma involvew ruhhom sabiex jghinu lill-konvenuta.

Illi jidher li l-istess attur dan ma affetwahx ghaliex xorta zzewweg lill-konvenuta, tant li wkoll xtraw post u ma kienx hemm problemi hlief li l-att taz-zwieg qatt ma sar b'mod naturali izda permezz ta' kontracettivi *stante* li l-konvenuta qatt ma riedet tohrog tqila; ghall-ewwel snin l-istess attur accetta dan il-fatt izda wara meta l-istess konvenuta baqghet izzomm l-istess opinjoni, u *nonostante* t-tentattivi tal-attur xorta kollox baqa' l-istess bir-rizultat li l-istess attur tilef l-interess fil-konvenuta tant li fl-ahhar sitt (6) snin taz-

zwieg taghhom ma sar l-ebda rapport sesswali bejniethom, u ghalhekk saret din it-talba ghall-annullament taz-zwieg.

Illi din il-konvenzjoni tal-konvenuta li hija ma rieditx tfal l-istess konvenuta jidher li espremieta ma' diversi persuni kemm qabel iz-zwieg u kemm wara l-istess zwieg, kif stqarr **John Grech,** missier l-attur, fl-affidavit tieghu tas-26 ta' Ottubru 2001 fejn anke f'maghmudija ta' wild tal-parentela taghhom meta saqsiha meta ser taqtaghlu xewqtu biex isir nannu rrispondietu *"m'ghandekx cans".* L-istess iddikjarat omm l-attur Rita Grech fl-affidavit tal-istess data tas-26 ta' Ottubru 2001 fejn sostniet li l-konvenuta *"kienet tghid illi biex tizzewweg mhux bilfors li jrid ikollok it-tfal".* Dwar dan hemm ix-xhieda wkoll ta' Mario Grech, hu l-attur u ta' Doris Attard.

Illi min-naha taghha l-konvenuta spjegat fl-affidavit taghha tas-27 ta' Ottubru 2001 l-esperjenza taghha ta' tfulitha fejn irrakkontat li hija kienet tghix flimkien mal-genituri taghha ma' nannitha, omm ommha, fid-dar tal-istess nanna taghha u spjegat kif in-nanna taghha kienet possessiva fuqha u kienet ma titlifx okkazzjoni sabiex tghidilha li omma ma kienitx thobbha, u kienet tagixxi qisa riedet tifred lill-konvenuta minn ommha, u fil-fatt l-istess nanna u omm l-konvenuta qatt ma ngiebu.

Illi ma' dan l-istess konvenuta spjegat li kienet tinnota li nannitha kienet principarjament tiehu hsieb l-affarijiet taghha bhal preparazzjoni tal-*lunch* ghall-iskola, u meta

twieled huha Leo, il-genituri taghha kienu jippreferu lilu, ghaliex kienu juru li huma jippreferu subien u mhux bniet, u ghalhekk b'dak l-atteggjament issahhet il-konvinzzjoni fl-istess konvenuta li ommha veru ma kienitx thobbha, u l-kliem ta' nannitha haditu bhala verita' wahda. Dan wassal ukoll li evita li l-konvenuta jkollha relazzjoni normali ma' ommha, tant li hija inghalqet fiha innifisha u qatt ghalhekk ma fethet qalbha ma' ommha, u dan issusista anke wara z-zwieg, u anke meta nqalghu l-problemi fiz-zwieg bejn il-kontendenti.

Illi kawza ta' din is-sensazzjoni li kellha l-konvenuta li hija ma kienitx mahbuba minn ommha l-istess konvenuta kien thossha dipressa u kellha stima baxxa taghha nnifisha u bdiet tibza' u sahansitra tobghod l-idea li hija qatt jista' jkollha tfal, u dan minhabba l-biza li kellha li uliedha jhossu dak li hija hasset, u kien ghalhekk li ftit gimghat wara li ltaqghet mal-attur hija mill-ewwel qaltlu li hija ma rieditx li jkollha tfal, u baqghet izzomm l-istess rizoluzzjoni anke wara z-zwieg u minkejja kienet taf li l-attur kellu xewqa li jkollu t-tfal.

Illi din ir-rizoluzzjoni taghha dejjem espremietha fil-miftuh kemm ma' familjari taghha u kemm tal-attur, u ghalhekk hija qatt ma kellha relazzjoni sesswali mal-attur, tant li fl-ahhar l-istess attur tilef l-interess fiha u ma kellhomx relazzjoni sesswali ta' xejn ghall-ahhar sitt (6) snin taz-zwieg taghhom u ghalhekk ghexu imdejqin hafna.

Illi din l-istorja infelici giet ikkorroborata minn missierha Joseph Mifsud u ommha Maria Stella Mifsud li sostniet li hija dejjem semghet lill-bintha tghid li ma rieditx ikollha tfal, izda saret taf ir-raguni ghaliex kienet tghid hekk biss meta kienet id-dar ta' binha Leo u ghall-ewwel darba l-konvenuta fethet qalbha maghha u qaltila li hija kienet tghid hekk ghaliex ix-xhud ma kienitx thobbha u dejjem kienet tghidulha nannitha, li x-xhud tammetti li ma kellhiex relazzjoni tajba maghha ghax minkejja li kienu joqghodu flimkien, kienu dejjem jiggieldu. Illi minhabba f'hekk l-istess omm il-konvenuta qalet hekk:

*"Illi dak in-nhar illi Josette fethet qalbha maghna, sirt naf ir-raguni ghaliex Josette kienet tibza' jkollha t-tfal. Dan kien ghaliex kienet tibza' illi forsi ma tkunx thobbhom. Tista' tahseb x'kien baqa' fija meta smajt dak il-kliem. Jiena bkejt hafna dak inhar".*

Illi dwar dan **Carmela Schembri** fl-affidavit taghha tas-27 ta' Ottubru 2001 xehdet illi:

*"Meta twieldet Josette, jiena kont niehu hsiebha u nrabbiha flimkien ma' ommha. Kont nehodha mieghi kull fejn immur. Kienet tkun mieghi hafna mill-hin tal-gurnata. Huwa minnu illi tul is-snin ta' tfulitha, jiena kont nghid lil Josette li "il-mama' ma thobbokx". Jien dan kont naghmlu ghax kont dejjem nixtieq li nirbah l-imhabba ta' Josette ghalija, fuq dak ta' ommha".*

Illi dan jinsab ukoll korroborat mix-xhieda tal-istess **Leo Mifsud u martu Marvin Mifsud** fl-affidavit taghhom tas-27 ta' Ottubru 2001 a fol. 33 u 34 tal-process, li wkoll xehdu dwar l-intenzjoni tal-konvenuta li ma jkollhiex tfal, espressa minnha kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg mal-attur.

Illi hija wkoll sintomatika ix-xhieda ta' **Charles Mifsud** li huwa l-kugin ta' missier il-konvenuta, li jidher li kien l-unika persuna li l-istess konvenuta kienet tiftah qalbha mieghu, mhux tant dwar l-espressjoni tax-xewqa taghha determinata li ma jkollhiex tfal, *stante* li dan jidher li qalitu lill-diversi familjari taghha u tal-attur, izda ghall-fatt li l-istess xhud sostna li hija kienet qaltlu mill-bidu ir-raguni ghaliex kienet hadet din id-decizjoni, u dan ghaliex nannitha kienet dejjem tghidilha li ommha ma thobbhiex u ghalhekk kienet *"tibza' li forsi hija ma kenitx tkun omm tajba ghalihom. Dan kont nafu anke qabel ma hi ltaqghet ma' Albert Grech. Matul l-gherusija taghha ma' Albert, Josette qatt ma biddlet fehmitha. Baqghet bl-intenzjoni li tizzewweg imma ma jkollhiex tfal. Fil-fatt hekk gara, izzewget u baqghet bla tfal".*

Illi fl-ahharnett wiehed jirreferi wkoll ghac-certifikat mahrug minn **Dr. Peter Muscat** fil-25 ta' Ottubru 2001 li sostna li l-konvenuta kkonsultat mieghu fit-30 ta' Novembru 2000 fejn l-konvenuta stqarret mieghu li minhabba l-effett li kellha fuqha nannitha, fejn dejjem ippruvat iddahlilha f'mohha li omma ma kienitx thobbha din effetwata negattivament u psikologikament dwar il-prospett ta' maternita' li wassluha

ghall-konvinciment qawwi li meta tizzewweg ma jkollhiex tfal, tant li r-relazjoni sesswali normali ma' zewgha hija qatt ma kellha u fil-fatt fl-ahhar sitt (6) snin taz-zwieg lanqas kellhom relazzjoni ta' xejn. Illi huwa kellem ukoll lill-attur fl-1 ta' Dicembru 2000 u ssuggerixxa li jsir tentattiv ghall-terapija maritali sabiex jirrangaw il-problemi taghhom, izda l-partjiet lanqas biss attendew ghall-istess u fil-fatt fil-25 ta' Ottubru 2001 l-konvenuta nformatu li f'Dicembru 2000 huma kienu sseparaw bonarjament.

Illi dan wassal ghall-konkluzjoni raggunta mill-istess psikjatra li:

*"In my opinion their marriage was doomed to failure from the beginning since Josette had a severe psychological block towards motherhood and marriage. Unfortunately her husband had agreed to marry her with the condtion imposed on him of not having children. However the stress of this factor led to the emotional distancing and eventual break-up".*

**E. LIGI APPLIKABBLI GHALL-KAZ *DE QUO***

Illi l-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi

wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi dawn iz-zewg premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual,*

*permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*”.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’

Mejju 2000); u **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000).

Illi mill-provi prodotti rrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-konvenuta dahlet ghall dan iz-zwieg mal-attur bl-eskluzjoni pozittiva u dikjarata li hija ma jkollhiex tfal, b'dan ghalhekk li l-kunsens taghha kien vizzjat ghaliex hija eskludiet *ab initio* wahda mill-obbligi essenzjali ta' kull zwieg u cjoe' l-prokrejazzjoni tal-ulied, u f'dan il-kuntest l-istess konvenuta kienet esplicita' kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg. Illi irrizulta wkoll li din id-determinazzjoni tal-istess konvenuta dwar il-punt kienet naxxenti mill-fatt li tul it-trobbija taghha nannitha ghamlet minn kollox sabiex tipperswadi lill-istess konvenuta li omma stess ma kienetx thobbha, li wasslet lill-konvenuta, li trid jew ma tridx, hija giet effettwata tul hajjitha kollha b'biza' kbira li jekk ikollha it-tfal, hija ma tkunx kapaci li tesprimi l-imhabba materna lejhom, u b'hekk l-istess ulied jghaddu mill-martirju emozzjonali u psikologiku li hija stess ghaddiet minnu; dan wassal lill-konvenuta li tiehu decizjoni li hija ma jkollhiex tfal, u hija mmanifestat din ix-xewqa anke qabel iz-zwieg, tant li hija imponietha bhala kundizzjoni tal-istess zwieg, u li gaghlet lill-konvenut jaccetta.

Illi din il-manifestazzjoni *da parte* tal-konvenuta kiener tant soda li b'dan qalet mhux biss lill-attur izda wkoll lill-familjari taz-zewgt partijiet, u xejn ma seta' jbiddlilha fehemtha lanqas wara l-istess zwieg, tant li tali biza' tant hakkmitha li litteralment qatt ma kellha relazzjoni naturali mal-istess

attur, u fl-ahhar sitt snin tal-konvivenza taghhom wasslitha sabiex ma jkollha relazzjoni sesswali ta' xejn ma' l-istess attur.

Illi din l-esklussjoni tal-obbligu essenzjali taz-zwieg kienet tant kbira li l-istess konvenuta, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li lanqas biss kellha ghazla dwarha, tant li l-kunsens espress minnha fl-istess zwieg lanqas jista' jinghad li kien wiehed liberu; dan peress li l-esperjenzi ta' tfulitha, u n-nuqqas ta' mhabba li hija hasset minghand ommha, imposta fuqha b'abbuz u b'insistenza konstanti u influwenza negattiva f'dan l-aspett *da parte* ta' nannitha, kienu jeskludu addirttura kull sembjanza ta' kunsens *da parte* tal-istess konvenuta, peress li l-konvenuta tant kienet effettwata emozjonalment u psikologikament bl-istess biza' li hija setghet xi darba tkun omm, li hija in verita' ma kienitx qatt kapaci, li taghmel l-ghazla volontarja dwar jekk hija taghtix l-istess kunsens ghaz-zwieg b'mod liberu proprju minhabba l-istess blokk psikologiku rigward l-maternita' u l-istess zwieg innifsu.

Illi f'dan il-kuntest huwa rilevanti dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (NA) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe' :

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u*

*bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin"*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommisjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga ……………. jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga…..".*

Illi f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li waqt l-istess zwieg, l-istess konvenuta eskudiet ghal kollox li hija jkollha jew tipprova jkollha ulied mill-istess zwieg, u fil-fatt tali eskluzjoni kienet tezisti kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg, b'mod li l-istess konvenuta mhux biss eskludiet tali konsiderazzjoni *a priori* mal-ghoti tal-kunsens apparanti taz-zwieg, izda ghamlet minn kollox sabiex timmanifesta tali fissazzjoni kemm qabel u anke wara l-istess zwieg, u ghamlet minn kollox li din id-determinazzjoni taghha dwar dan il-punt tigi applikata fil-hajja taghha, fejn l-ewwel irrifjutat li jkollha x'taqsam b'mod naturali u bla kontracettivi artificjali mal-istess attur, u wara waslet sabiex eliminat ghal kollox kull kuntatt sesswali mal-istess attur, tant tali impediment psikoligiku kien qawwi ghall-istess konvenuta.

Illi kwindi rrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens li tal-konvenuta kien wiehed invalidu a bazi tas-**sub-artikolu (d) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255**, u l-kunsens taghha kien wiehed vizzjat a bazi tas-**sub-artikolu (d) u (f) ta' l-imsemmi Artikolu 19 (1)**.

Illi *stante* li jirrizulta lil-attur dejjem kien il-*buona fede* u r-ragunijiet ghal tali annullament taz-zwieg huma mputtabbli lill-konvenuta allura huwa ma ghandhux ikun tenut jissoministra manteniment lill-istess konvenuta kollox a tenur tal-**Artikolu 20 (5) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fuq ammissjoni *da parte* tal-konvenuta u ghar-ragunijiet fuq premessi, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Ottubru 1988 kien null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-konvenuta kien (a) vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt tal-att taz-zwieg; u (b) kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'anomalija psikologika serja li kienet taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-zwieg.

(2) Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur, bhala l-parti *in buona fede,* mhux tenut li jissoministra manteniment lill-konvenuta li kienet unikament responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg, u dan a tenur tal-**Artikolu 20 (5) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' April 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April 2002**